7 ta'Awwissu 2018

**<u>Mozzjoni – *Central Link*</u>**

Filwaqt li l-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard jirrikonoxxi li hemm problema tat-traffiku f' Ħ'Attard, ma jħossx li ittieħdu l-miżuri kollha neċessarji u li ġew eżawriti l-possibiltajiet kollha sabiex jitnaqqas it-traffiku u jiġi ġustifikat it-teħid ta' art agrikola u l-bini ta' triq ġdida

Għaldaqstant il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, wara li iddiskuta u eżamina d-dokument uffiċċjali *Transport Master Plan 2025* ta' Settembru 2016 u l-*iStrategic Plan for Environment and Development (SPED)* ta' Lulju 2015 jirrisolvi li l-proġett ta' bini ta' toroq u twessiegħ ta' toroq magħruf bħala *Central Link Project* barra li huwa ta' detriment għar-residenti ta' Ħ'Attard, imur ukoll kontra l-politika iddikjarata tal-Gvern stess

Il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard jaqbel mal-proposti dwar it-trasport fil-pjanijiet (*SPED* u *Transport Master Plan*) tal-Gvern stess u jitlob li immedjatament dawn il-proposti jiġu attwati, kif elenkati fid-dokumenti imsemmja.

Id-dokument *Strategic Plan for Environment and Development (SPED)* ta' Lulju 2015, li huwa l-politika li għandha timxi magħha l-Awtorita' tal-Ippjanar, jiddikjara illi għandu jkun hemm:

- Paġna 23: *To facilitate the modal shift through the provision of an integrated transport network...by ... Shifting the emphasis from new road construction to better integration of public transport priority measures on better managed roads.*
- Paġna 23: *To facilitate the provision of an efficient public transport service and other green modes.*
- Jiddikjara wkoll illi bħala parti mill-azzjonijiet kontra l-Bidla fil-Klima għandhom jittieħdu miżuri bħal (paġna 22) *'improving public/collective transport as a high priority adaptation measure for Climate Change'.*

Id-dokument *Transport Master Plan 2025,* fost bosta miżuri biex inaqqas u jikkontrolla t-traffiku jitlob illi jsiru:

- *2.2.2.2 Develop and incentivise schemes to promote multiple occupancy, alternative modes as well as reduce the need to travel in peak hours (p.64)*
- *2.2.2.7 Develop a framework for the introduction and implementation of Sustainable Urban Mobility Plans (SUMPs) in Malta and Gozo (p.69)*
- *2.2.4.1 Study the potential to introduce Low Emission Zones in dense and polluted urban areas (p.82)*

- *2.2.11.1 Increase use of Intelligent Transport Systems in Traffic Management (p.118)*

- *2.3.1.1 Implement Public Transit Quality Corridors for: Sliema – Msida – Valletta Tarxien – Fgura – Marsa – Valletta; Mosta - Birkirkara – Msida – Valletta Naxxar – Birkirkara – Hamrun – Valletta; Mosta – Birkirkara – University – Msida; Attard – Birkirkara – Hamrun – Valletta; Qormi – Hamrun – Valletta (p.136)*

- *2.3.2.1 Optimise use of existing Park and Ride facilities and develop new sites at strategic locations to encourage modal interchange (p.142).*

Għaldaqstant, kif ukoll peress illi:

1. parti kbira minn Ħ'Attard se tinqabad bejn żewġ toroq prinċipali;
2. ammont kbir ta' art se tispiċċa tinqered, inkluż art agrikola saqwija, u qerda ta' ħafna siġar;
3. il-Gvern iddikjara li se jinqata' l-użu tal-petrol u d-diesel fil-vetturi privati u għalhekk irendi l-istudji dwar is-suppost tnaqqis fit-tniġġis irrelevanti;
4. kif juru diversi studji toroq ġodda jiġbdu aktar traffiku u mhux inaqqsuh;
5. il-Gvern stess ħabbar li qed jippjana modi ġodda ta' trasport tal-massa bħal metro, li tnaqqas l-użu tal-karozzi jekk implimentata tajjeb;

Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Gvern jirrevedi is-Central Link Project (PA9890/17) u jitlob lill-Gvern minflok iwettaq il-politika tiegħu stess biex ikun hemm 'modal shift' fit-trasport li verament inaqqas it-traffiku u jżid l-użu tat-trasport pubbliku u mezzi alternattivi tat-trasport.

Jinkoraġġixxi lill-Gvern ukoll, jimplimenta wħud mill-proposti ta' *Traffic Mangement* tal-*Attard Residents Environmental Network*, liema proposti huma viċin tal-proposti tal-Gvern stess dwar it-trasport.

Proponent: Ralph Cassar
Kunsillier

Sekondanti: Stefan Cordina
Sindku

Marco Spiteri
Vici Sindku

John Debono
Kunsillier

ATTARD LOCAL COUNCIL
RECEIVED
Date: 7/8/18

Marica Mifsud
Executive Secretary
ATTARD LOCAL COUNCIL
Tel: 21411111 Fax: 21411414
attard.lc@gov.mt